

32004R0029

L 5/57

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.1.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 29/2004

tat-8 ta' Jannar 2004

li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* ta' l-2005 dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, li hemm prevista bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni dwar il-qawwa tax-xogħol fil-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 246/2003 ⁽²⁾ li jadotta l-programm ta' l-2004 sa l-2006 fuq moduli *ad hoc* għall-istħarriġ bl-għażla ta' kampjun dwar il-qawwa tax-xogħol, jinkludi modulu *ad hoc* fuq ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja.
- (2) F'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 577/98, il-lista dettaljata ta' l-informazzjoni li għandha tinġabar f'modulu *ad hoc* għandha titlesta sa minn l-anqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu tar-referenza għal dak il-modulu.
- (3) Hemm bżonn li jkun hemm sett ta' data komprensiva u komparabbli fuq ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol

u l-familja, kif hemm imsemmi fl-oġġettivi tal-politika tal-ġeneru ta' l-UE fuq l-impjiegi, li hija indikata fil-Linjigwidi ta' l-2003 dwar l-impjiegi, b'mod speċjali l-linjagwida speċifika fuq "l-Ugwaljanza tal-ġeneru", kif adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Lulju 2003. ⁽³⁾

- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista dettaljata ta' l-informazzjoni li għandha tinġabar fl-2005 mill-modulu *ad hoc* hija stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 8 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 3. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2257/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 336, tat-23.12.2003, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 34, 11.02.03, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 197, 05.08.03, p. 13.

ANNEX

STĦARRIĠ DWAR IL-QAWWA TAX-XOGĦOL

L-Ispesifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* ta' l-2005 fuq ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja

1. L-Istati Membri u r-reġjuni interessati: kollha.
2. Il-varjabbli jridu jkunu kodifikati kif ġej:

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtro
237		<i>It-tip ewlieni ta' kura tat-tfal użat għal tfal (tagħha proprja jew tas-sieħeb/sieħba tagħha) sa meta jkollhom 14-il sena, meta l-persuna tkun qed taħdem (għajr l-iskola obbligatorja; ġimgħa normali u tħalli barra l-vaganzi ta' l-iskola u arranġamenti ta' emerġenza)</i>	Kull persuna li għandha bejn il-15-il sena u l-64 sena b'minn ta' l-anqas wieħed mill-ulied tagħha proprja/tas-sieħeb(sieħba) tagħha li jkollu sa 14-il sena u jgħix fid-dar u 24 = 1, 2
	1	Servizzi għall-kura tat-tfal (inklużi persuni mħallsin biex jieħdu ħsiebhom), qabel iż-żmien ta' l-iskola	
	2	Is-sieħeb li qed jgħix fid-dar	
	3	Qraba/ġirien/ħbieb (ma jħallsux)	
	4	L-ebda kura tat-tfal użata	
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)	
	Vojt	L-ebda tweġiba	
238		<i>Il-persuna tieħu ħsieb regolament tfal oħra li għandhom sa 14-il sena jew qraba/ħbieb morda, b'diżabbiltà, jew anzjani li jkollhom 15-il sena jew aktar</i>	Kull persuna minn 15-il sena sa 64
	1	Iva, ta' tfal oħra sa 14-il sena	
	2	Iva, ta' qraba/ħbieb li għandhom 15-il sena jew aktar li għandhom bżonn minn jieħu ħsiebhom	
	3	Iva, ta' tfal oħra sa 14-il sena u ta' qraba / ħbieb li għandhom 15-il sena jew aktar u li għandhom bżonn minn jieħu ħsiebhom	
	4	Le	
	9	Ma jgħoddx (persuna li għandha inqas minn 15-il sena jew aktar minn 64)	
	Vojt	L-ebda tweġiba	
239		<i>Tixtieq tibdel l-organizzazzjoni tal-ħajja tax-xogħol tagħha u r-reponsabbiltajiet tagħha dwar il-kura</i>	Kull persuna minn 15-il sena sa 64 u (jkollha minn ta' l-anqas wieħed mill-ulied tagħha proprja/tas-sieħeb(sieħba) tagħha sa 14-il sena u li qed jgħix fid-dar) jew (C 238 = 1, 2, 3))
	1	Le	
	2	Tixtieq taħdem jew taħdem aktar (u tnaqqas il-ħin tal-kura)	
	3	Tixtieq taħdem inqas u jkollha aktar ħin għall-kura	
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)	
	Vojt	L-ebda tweġiba	
240		<i>Ir-raġuni ewlenija (marbuta mal-kura tat-tfal) għaliex ma taħdimx jew ma taħdimx aktar</i>	C239 = 2 u ((jkollha minn ta' l-anqas wieħed mill-ulied tagħha proprja/tas-sieħeb(sieħba) tagħha sa 14-il sena u li qed jgħix fid-dar) jew (C238 = 1, 3))
	1	Nuqqas ta' servizzi tal-kura tat-tfal matul il-ġurnata	
	2	Nuqqas ta' servizzi tal-kura tat-tfal f'ħinijiet speċjali	
	3	Nuqqas ta' servizzi tal-kura tat-tfal matul il-jum jew f'ħinijiet speċjali	
	4	Is-servizzi tal-kura tat-tfal huma għoljin wisq	

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtro		
241	5	Is-servizzi tal-kura tat-tfal disponibbli mhumiex ta' kwalità suffiċjenti	Kull persuna minn 15-il sena sa 64 b'minn ta' l-anqas wieħed jkollha minn ta' l-anqas wieħed mill-ulied tagħha proprja/tas-sieħeb(sieħba) tagħha sa 14-il sena u li qed jgħix fid-dar) jew u C24 = 1, 2		
	6	Raġuni oħra li mhix marbuta man-nuqqas ta' servizzi adattati tal-kura tat-tfal			
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)			
	Vojt	L-ebda tweġiba			
		<i>Matul il-vaganzi ta' l-iskola jew meta s-servizzi tas-soltu tal-kura tat-tfal ikunu magħluqa jew meta min jieħu ħsieb it-tfal ikun bil-vaganzi:</i> <i>il-persuna tkun ħadet xi ġranet frank jew naqqset in-numru ta' sigħat ta' xogħol jew tkun għamlet arranġamenti speċjali oħra fuq il-post tax-xgħol matul dawn l-aħħar 12-il xahar biex tieħu ħsieb it-tfal</i>			
	1	Le			
	2	Iva, minħabba n-nuqqas ta' servizzi alternattivi għall-kura tat-tfal matul il-ġurnata			
	3	Iva, minħabba n-nuqqas ta' servizzi alternattivi għall-kura tat-tfal f'ħinijiet speċjali			
	4	Iva, minħabba li sevizzi alternattivi għall-kura tat-tfal huma għoljin wisq			
	5	Iva, għaliex servizzi għall-kura tat-tfal alternattivi mhumiex ta' kwalità suffiċjenti			
	6	Iva, dejjem minħabba raġunijiet oħra			
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)			
	Vojt	L-ebda tweġiba			
242		<i>Raġuni ewlenija (marbuta mal-kura ta' qraba/ħbieb morda, b'diżabbiltà, anzjani li għandhom 15-il sena jew aktar u li għandhom bżonn minn jieħu hsieħhom) għaliex ma taħdimx jew ma taħdimx aktar</i>	C239 = 2 u (C238 = 2, 3)		
	1	Nuqqas ta' servizzi tal-kura matul il-ġurnata			
	2	Nuqqas ta' servizzi tal-kura f'ħinijiet speċjali			
	3	Nuqqas ta' servizzi tal-kura matul il-ġurnata jew f'ħinijiet speċjali			
	4	Is-servizzi tal-kura tat-tfal huma għoljin ħafna			
	5	Is-servizzi disponibbli għall-kura tat-tfal mhumiex ta' kwalità suffiċjenti			
	6	Raġuni oħra li mhix marbuta man-nuqqas ta' servizzi adattati ta' kura tat-tfal			
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)			
	Vojt	L-ebda tweġiba			
	243			<i>Huwa possibbli li l-persuna tbiddel il-ħin li tibda u/jew li tispiċċa mix-xogħol għal raġunijiet familjari (minn ta' l-anqas b'sieġha)</i>	Kull persuna minn 15-il sena sa 64 u C24 = 1, 2
		1		Ġeneralment possibbli	
		2		Ftit li xejn possibbli	
		3		Mhux possibbli	
9		Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)			
Vojt		L-ebda tweġiba			

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtro
244		<i>Huwa possibbli li l-persuna torganizza l-ħin tax-xogħol biex tiegħu ġranet franki sħaħ għal raġunijiet familjari (mingħajr ma tuża vaganzi jew frank speċjali)</i>	Kull persuna minn 15-il sena sa 64 u C24 = 1, 2
	1	Ġeneralment possibbli	
	2	Ftit li xejn possibbli	
	3	Mhux possibbli	
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)	
	Vojt	L-ebda tweġiba	
245		<i>Ħin frank mix-xogħol meħud matul l-aħħar 12-il xahar minhabbamard fil-familja jew f'każijiet ta' emerġenza (mingħajr l-użu tal-vaganzi)</i>	Kull persuna minn 15-il sena sa 64 u C24 = 1, 2
	1	Le	
	2	Iva, il-ġranet ta' "frank speċjali" kienu kumpensati"	
	3	Iva, il-ġranet ta' "frank speċjali" mhux kollha kienu kumpensati"	
	4	Iva, arranġamenti oħra dejjem kienu użati	
	9	Ma jgħoddx (mhux inkluż fil-filtro)	
	Vojt	Bla tweġiba	
246		<i>Assenza għall-ġenituri (Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE (ĠU L 145, 19.6.1996, p. 4)) meħuda matul l-aħħar 12-il xahar għat-tfal tagħha proprja li qed jgħixu fid-dar</i>	Kull persuna minn 15-il sena sa 64
	1	Le	
	2	Iva, meħud fi blokk wieħed fuq bażi ta' ħin normali tax-xogħol u kkumpensat	Għal C246/247, il-pajjiżi jistgħu jiffiltraw id-domandi tagħhom skond ir-regoli nazzjonali għall-assenza għall-ġenituri.
	3	Iva, meħud fi blokk wieħed fuq bażi ta' ħin normali tax-xogħol u mhux kollu kkumpensat	Is-sub-popolazzjonijiet esklużi għandhom ikunu kodifikati fil-kategoriji rilevanti.
	4	Iva, meħud fuq bażi part-time u kkumpensat	
	5	Iva, meħud fuq bażi part-time u mhux kollu kumpensat;	
	6	Iva, meħud f'arranġament ieħor jew inkella f'kombinazzjonijiet u kkumpensat	
	7	Iva, meħud f'arranġamenti oħra jew inkella f'kombinazzjonijiet u mhux kumpensat	
	9	Ma jgħoddx (il-persuna għandha inqas minn 15-il sena jew aktar minn 64)	
	Vojt	L-ebda tweġiba	
247		<i>Ir-raġuni ewlenija għaliex m'għandhiex assenza għall-ġenituri għall-ulied tagħha proprja li qed jgħixu fid-dar matul dawn l-aħħar 12-il xahar</i>	C246 = 1
	1	Ma kellha l-ebda dritt legali li tiegħu assenza għall-ġenituri	
	2	L-ebda kumpens jew inkella kien baxx wisq	
	3	Ma kienx hemm biżżejjed flessibbiltà fl-għażla tal-perjodu ta' l-assenza għall-ġenituri	
	4	Effetti negattivi fuq is-sigurtà soċjali	
	5	Effetti negattivi fuq il-karriera/impressjoni negattiva minn min lhadem	
	6	Preferenza għax-xogħol għal raġunijiet oħra għajr mill-kodiċi 2 sa 5	
	7	Raġuni oħra	
	9	Ma jgħoddx (C246 mhux ugwali għal 1)	
	Vojt	L-ebda tweġiba	